MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2014

Numru. 145/2014

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra :

**Lyon Bonnici** ta’ 24 sena bin Stephen u Catherine xebba Falzon, imwieled il-Pieta nhar l-ewwel (1) ta’ Awwissu 1989. Residenti 32, Lina, triq Santa Monika, Rahal Gdid u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 465489(M).

U

**Roderick Attard** ta' 22 sena bin Mario u Mary Grace xebba Casha, imwieled il-Pieta nhar it-3 ta' Novembru 1991. Residenti 82, triq Mamo Haz-Zebbug u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 558891(M).

Talli;

B'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :-

1) Fil-lejl ta' bejn il-5 ta' Frar 2014 u s- 6 ta' Frar 2014 minn triq Sammat, Hal Tarxien, ikkommetta serq ta' apparat tas-sound minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni GUN020 tal-ghamla Toyota Corsa liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza wara li pprezentaw ruhhom aktar minn zewg persuni, bil-hin, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), mezz u xorta tal-haga misruqa liema serq sar ghad-dannu ta' Brian Grech minn haz-Zabbar u/jew persuni ohra.

2) Aktar talli fl-istess data, hin u lok, ikkommetta serq ta' apparat tas-sound minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAC848 tal-ghamla Ford Escort liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, wara li

pprezentaw ruhhom aktar minn zewg persuni, bil-hin, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn  u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), mezz u xorta tal-haga misruqa liema serq sar ghad-dannu ta' Paul u Benjamin Mallia minn hal Tarxien u/jew persuni ohra.

3) 3) Ukoll talli fil-lejl ta' bejn il-5 ta' Frar 2014 u s-6 ta' Frar 2014 minn vjal Kottoner il-Fgura, bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb b`atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt billi ppruvaw jisirqu minn vettura tal-ghamla BMW bin-numru tar-registrazzjoni MNQ105, liema serq ma giex esegwit minhabba xi accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun aggravat bil-vjolenza, wara li pprezentaw ruhhom aktar minn zewg persuni, bil-hin, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn  u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), mezz u xorta tal-haga misruqa liema serq sar ghad-dannu ta' Larkin Paul Bonnici mill-Fgura u/jew persuni ohra.

4) Ukoll talli fil-lejl ta' bejn il-5 ta' Frar 2014, u s-6 ta' Frar 2014 minn triq Guze D'Amato, Rahal Gdid, bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt billi

ppruvaw jisirqu minn vettura tal-ghamla Isuzu Elf bin-numru tar-registrazzjoni IBL541, liema serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun aggravat bil-vjolenza, wara li pprezentaw ruhhom aktar minn zewg persuni, bil-hin, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), mezz u xorta tal-haga misruqa liema serq sar ghad-dannu ta' Adrian Schembri minn Rahal Gdid u/jew persuni ohra.

**5)** 5) Aktar talli nhar il-5 ta' Frar 2014 ghal habta tal-ghaxra u nofs ta' filghaxija 22:00hrs mill-iskola Primarja ta' Triq Guze' D' Amato, Rahal Gdid, bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt billi ppruvaw jisirqu mill-imsemmija skola, liema serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun aggravat bil-vjolenza, wara li pprezentaw ruhhom aktar minn zewg persuni, bil-hin, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), mezz u xorta tal-haga misruqa liema serq sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra.

6) Akkuzati ukoll talli fil-lejl ta' bejn il-5 ta' Frar 2014 u s-6 ta' Frar 2014, fil- Fgura u f'dawn il-Gzejjer xjentement laqghu ghandhom jew xtaraw hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq, jew akkwistati b`reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew , xjentement, b'kull mod li jkun, indahhlu biex ibeighhom jew imexxuhom liema ogetti huma apparat tas 'sound' li l-valur taghhom jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro.

7) Ukoll talli fil-lejl ta' bejn il-5 ta' Frar 2014 u s-6 ta' Frar 2014 minn vjal Kottoner il-Fgura volontarjament ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiheor, mobbli jew immobli u cioe` ghamlu hsara fuq vettura tal-ghamla BMW bin-numru tar-registrazzjoni MNQ 105, liema hsarat huma ta' aktar minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u dan sar ghad-dannu ta' Brian Grech minn haz-Zabbar u/jew persuni ohra.

8) Ukoll talli fil-lejl ta' bejn il-5 ta' Frar 2014 u s-6 ta' Frar 2014 minn triq Sammut, Hal Tarxien, volontarjament ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe` ghamlu hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni GUN020 tal-ghamla Toyota Corsa liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 euro izda ma jeccedix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u

dan sar ghad-dannu ta’ Brian Grech minn haz-Zabbar u/jew persuni ohra.

9) Ukoll talli fil-lejl ta’ bejn il-5 ta’ Frar 2014 u s-6 ta’ Frar 2014 minn triq Guze’ D’Amato, Rahal Gdid, volontarjament ghamlu hsara jew gharruq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe` ghamlu hsara fuq vettura EAC848 tal-ghamla Ford Escort liema hsarat huma ta’ aktar minn 116.47 Euro izda ma jeccedix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u dan sar ghad-dannu ta’ Paul u Benjamin Mallia minn Hal Tarxien u/jew persuni ohra.

10) Ukoll talli fil-lejl ta’ bejn il-5 ta’ Frar 2014 u s-6 ta’ Frar 2014 minn triq Guze D’Amato, Rahal Gdid, volontarjament ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe` ghamlu hsara fuq vettura tal-ghamla Isuzu Elf bin-numru tar-registrazzjoni IBL541 liema hsarat huma ta’ aktar minn 116.47 Euro izda ma jeccedix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u dan sar ghad-dannu ta’ Adrian Schembri minn Rahal Gdid u/jew persuni ohra.

Lil **Lyon Bonnici** wahdu talli;

Bejn it-18 ta' Dicembru 2013 u d-19 ta' Dicembru 2013, minn gewwa l-isptar San Vincenz De Paule f'Hal Luqa, ikkommetta serq ta' diversi oggetti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, liema serq sar ghad-dannu ta' Carmelo Said u/jew persuni ohra.

Ukoll fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, wettaq reat waqt il-perjodu operrativ ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Magistrat Dr.E Grima LLD nhar l-14 ta' Jannar 2014.

Ukoll fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, wettaq reat waqt il-perjodu operrativ ta' supervizjoni ta' probation imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Magistrat Dr. A.Vella LLD ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'hekk irrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputati rregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew l-ammissjoni taghhom, u wara li l-Qorti wissiethom solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 41(1)(a), 49, 50, 261(a)(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 276, 289, 325(a)(b), 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll Artikolu 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti fuq ammissjoni m’ghandiex ghazla hlief li issibb imputat **Lyon Bonnici** hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghal daqstant qieghda tikkundannah ghall-piena ta’ tlett (3) snin prigunerija,

Kif ukoll, ai termini tal-Artikolu 28B(2)(a), testendi l-perjodu operrativ tas-sentenza sospiza tal- 14 ta’ Jannar 2014 ghal erba’ snin, b’zieda ta’ ordni ta’ supervizjoni, ai terminu ta’ l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-istess Qorti fuq ammissjoni issibb lill imputat **Roderick Attard** hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghal daqstant qieghda tordna li jitqieghed taht ‘Probation’ ghal tlitt (3) snin, ai termini ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------